MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2009

Talba Numru. 806/2007

**Casa d'Arte Limited**

**vs**

**Mr & Mrs Michael Abela (Passport number 063499601) u Kathleen (passport number 156337432) u b'digriet tat-28 ta' Jannar, 2008 it-Tribunal ordna korrezzjoni fl-okkju fis-sens li l-isem tal-konvenuti jinqara Michael u Kathleen konjugi Abela**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li permezz taghha s-socjeta' attrici talbet l-hlas ta' elf, hames mija u sittin ewro u tmienja u sittin ewro centezmi (€1560.68) gja` Lm670 rapprezentanti ordni ta' kcina ghall-ammont ta' €5916.61 gja` Lm2540 (Numru 4869 datata 08.06.95) u ordni ohra ta' granit ghall-ammont ta' €1,886.79 gja` Lm810 (numru 4983 bla data) li fuqhom hallas depositu ta' €1774.98 gja` Lm762 skont l-ircevuta 6404 datata 08.06.05 u €1509.43 gja` Lm648 skont l-ircevuta 6538 datata 07.10.05

rispettivament. Qabel ma ttiehdet il-kcina thallas it-tieni depositu skont il-klawsola fuq wara ta’ l-ordni. Dan kien ta’ €2958.30 gja` Lm1,270 skont l-ircevuta 6539 datata 07.10.05.

Il-konvenuti issa huma soggetti ghal hlas tal-bilanc, il-hlas ta’ cash discount li nghata fuq iz-zewg ordnijiet 4869 u 4983, kif ukoll l-imghax dovut mid-data tal-kont sad-data tal-hlas u spejjez involuti.

Ra l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti fejn qalu illi l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici huwa eccessiv; illi x-xoghol u cioe’ l-kcina l-anqas biss ghadha lesta u l-partjiet li saru  ma sarux skond is-sengha u l-arti mehtiega hekk kif ser johrog mill-provi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici.

Ra d-dokument kollha pprezenati fl-atti tal-kawza.

Sema` x-xhieda ta’ Carmel Abela.

**Ikkunsidra**

Illi din hija kawza ghal hlas ta’ kcina u granit maghmula u kkunsinjata fuq ordni tal-konvenuti liema xogholijiet saru izda li s-socjeta’ attrici allegat illi kienet ghadha ma thallsitx tax-xoghol komplut lill-konvenuti. Il-konvenuti kkontestaw it-talba fl-eccezzjonijiet taghhom.

Mill-provi jirrizulta ll l-konjugi Abela kienu ordnaw kcina u granit mis-socjeta’ attrici u li l-konvenuti kienu inghataw ‘*cash discount’* fuq il-prodott mibjugha minnhom. Illi l-konvenuti kienu hallsu xi depoziti fuq il-kcina ordnata u kienu wasslu ukoll sabiex ihallsu t-tieni depositu. Illi l-kcina u l-granit kien gie konsenjat u mwahhal fil-fond tal-konvenuti mis-socjeta’ attrici. Intqal ukoll illi kien hemm xi ‘*snag list’* dwar xi xkafef u xi difetti fil-‘*fittings*’ izda wara diversi tentattivi minn naha taghhom sabiex jbiddlu u jirrangaw dawn l-alllegati difetti ix-xhud spjega illi huwa qatt ma kien sema’ mill-konvenuti. Kien biss wara li huwa kien baghat ittra registrata li kien ircieva telefonata mill-

konvenuti li kienu qed jghixu barra minn Malta. F'din it-telefonata, il-konvenuta, s-Sinjura Abela kienet infurmatu illi ma riedetx thallas il-bilanc ghaliex is-socjeta' attrici ma kienux irrangaw l-allegati diffetti u nuqqasijiet wara l-ilmenti taghhom mas-socjeta' attrici. Matul l-istess telefonata, ix-xhud, rapprezentant tas-socjeta' attrici spjega lis-Sinjura Abela li huwa kien dispost jindirizza l-ilmenti taghha izda huma ma kienux Malta. Minn dak inhar ma semghux aktar mll-konvenuti.

Illi mill-provi jirrizulta illi t-Tribunal kien sema' biss ix-xhieda tas-socjeta' attrici u li l-konvenuti qatt ma deheru quddiem it-Tribunal ghas-smigh tal-kawza. Illi t-Tribunal kien zamm hames seduti ghall-provi u varji seduti ohra qabel perezz illi kien hemm possibilita' ta' ftehim bejn il-partijiet izda dan qatt ma sehh. Illi tul il-mori tal-kawza kienu jidhru biss ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici, kif ukoll ir-rapprezentanti legali tal-partijiet.

Illi wara li s-socjeta' attrici ghalqet il-provi l-kawza kienet imhollija ghall-provi tal-konvenuti ghal zewg seduti izda qatt ma deher hadd minn naha tal-konvenuti u ghalhekk it-Tribunal iddifferixxa l-kawza ghas-sentenza fuq il-provi li kellu quddiemu.

Illi t-Tribunal huwa konvint illi s-socjeta' attrici ghamlet hilitha sabiex tirrisolvi l-allegati ilmenti tal-konvenuti izda jidher illi l-konvenuti ma ghamlux il-parti taghhom sabiex jirrisolvu l-ilmenti li huma attribwew lis-socjeta' attrici.

Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi mix-xhieda dokumentali u mix-xhieda '*viva voce*,' s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha u li l-konvenuti naqsu milli jippruvaw il-kaz taghhom.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici fis-somma ta' €1560.68 gja` Lm670 bl-ispejjez u interessi kif gew mitluba.

Spejjez tal-kawza a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------